Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2003

Numru 1042/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO CARUANA**

**VS**

**BRIAN MALLIA**

**Illum 26 ta’ Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Brian Mallia ta' 28 sena, bin Louise u Frida nee' Borg, imwieled Pieta' fil-11 ta' Lulju 1974, li joqghod 79, Triq Bajjada, Zabbar, detentur tal-karta ta' l-identita' 321374 (M);

Talli fil-Fgura, fil-21 ta' Novembru 2002, ghall-habta ta' 4.20 ta' wara nofs in-nhar, ikkommetta serq ta' mobile phone, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jaccedix l-elf lira maltin (Lm1000) u li sar ghad-detriment ta' Tiziana-Tyrene Cauchi;

Kif ukoll talli sar recediv b'diversi sentenzi diversament preseduti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mhassra.

Wara illi rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali li jgib id-data tas-7 ta' Frar 2003;

U wara li rat il-fedina penali ta' l-imputat;

U wara li rat l-Artikolu 261, u l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qeghda tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin (Lm200), b'sitt xhur zmien ghall-hlas.

Il-Qorti qeghda tinnota wkoll illi l-imputat espressa l-volonta' tieghu illi huwa jaghmel kura ghall-vizzju tad-

droga, u ghalhekk, il-Qorti tissugerixxi li jigi trattat bl-aktar mod serju f'dan ir-rigward.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------